MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 111/2007

**Maltacom p.l.c. u skond digriet tat-3 ta' Dicembru 2007 l-isem 'Maltacom p.l.c.' jinbidel ghal 'GO p.l.c'.**

**Vs**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Frar 2007, fejn is-socjeta` attrici qeghda titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta u cioe` il-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma thallas s-somma komplessiva ta' tlett mija u sittin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm360.29) in konnessjoni ma hsarat ikkagunati lill-infrastruttura tas-socjeta` attrici fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar u dan skond fattura bir-riferenza 16080 datata 20 ta' Ottubru 2004 (File Relattiv – GT3/2004/26).

Illi ma' l-Avviz tat-talba, s-socjeta` attrici annettiet erbgha (4) dokumenti u cioe` Dok A, konsistenti fil-fattura bir-riferenza 16080, Dok B konsistenti f'Ittra Ufficjali bir-riferenza 561/05, Dok C konsistenti f'Ittra Ufficjali bir-riferenza 9158/06 u Dok D konsistenti f'Rapport tal-Pulizija.

Ra r-**Risposta** tal-korporazzjoni konvenuta tat-28 ta' Frar 2007 li permezz taghha hi ecceppixxiet illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-hsarat maghmula lill-infrastruttura tas-socjeta` attrici kif indikati fl-avviz tat-talba gew ikkagunati minn terzi u mhux mill-korporazzjoni konvenuta.

Sema` x-xhieda kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw il-kawza.

Ikkunsidra :

Illi fin-nota tas-socjeta` attrici ta' l-4 ta' Mejju 2007 fejn biha ipprezentat erbgha (4) dokumenti u cioe` Dok KG1 konsistenti f'estratt minn Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta, Dok KG2 konsistenti f'Avviz Legali 313 tal-2002, Dok KG3 konsistenti f'dokument intitolat *'Conditions for Granting of Excavation Permits to Contractors, Utilities, Companies or Individuals'* u Dok KG4 konsistenti f'dokument intern datat 31 ta' Mejju 2004 u li jgib il-firma ta' Vincent Camilleri.

Illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2007, xehed **PS839 Stephen Micallef**, prodott mis-socjeta` attrici u esebixxa Dok SM1 konsistenti f'*Current Incident Report* li sar minn Vincent Camilleri rigwardanti xi hsarat allegati go *cable* fi Triq it-Turisti, Bugibba. Illi hu xehed ukoll li certu Donald Cini (il-*Foreman* tal-korporazzjoni konvenuta) kien ikkonferma li l-*Water Services Corporation* kienet ghamlet xi xogholijiet fis-sit in kwistjoni, pero` ma kienx jaf illi ntlaqtu xi *cables* fl-inhawi.

Illi fin-nota tas-socjeta` attrici nhar il-25 ta’ Mejju 2007 fejn biha ipprezentat zewg (2) dokumenti u cioe` Dok KG5 konsistenti f’minuta li ggib il-firma tas-Sur Vincent Camilleri u Dok KG6 konsistenti f-*email* minghand il-Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar.

Illi fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 2007 xehed **Victor Busuttil**, prodott mis-socjeta` attrici, li kkonferma li meta ghamel il-verifiki irrizulta illi ma kien hemm ebda permess f’isem il-*Water Services Corporation* ghax-xoghlijiet in kwistjoni, u cioe` fil-*computer records* ma sab ebda talba tal-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-Ilma biex isiru x-xogholijiet illi saru.

Illi fis-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2007 xehed **Vincent Camilleri**, prodott mis-socjeta` attrici li kkonferma li l-hsara kienet saret mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u kien jidher evidenti li x-xoghol li kien sar kien ghadu wiehed frisk. Finalment, hu kkonferma li kien ha wkoll xi kampjun tal-*cable* milqut, u stqarr li r-rapport l-ghassa tal-pulizija kien ghamlu hu.

Illi fis-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2007, xehed **Joseph Chircop**, prodott mis-socjeta` attrici li kkonferma li mid-*database* illi ghandu fl-ufficju tieghu ma rrizultalux li kien nhareg xi permess fid-data in kwistjoni, u cioe` f’Mejju 2004 fit-Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar.

Illi fis-seduta tal-4 ta’ Frar 2008 xehed **Joseph Schembri**, prodott mill-korporazzjoni konvenuta li qal illi fi zmien l-incident huwa kien jokkupa l-posizzjoni ta’ fitter mas-socjeta` konvenuta. Jghid illi kien mar fuq il-post ta’ l-incident u sab l-ilma fuq il-bankina, l-wicc tal-bankina kien tal-bricks u kienet mifqugha u meta bdew ihaffru, l-ewwel sabu cable u mbaghad sabu l-pipe ta’ l-ilma. Jghid illi l-cable ma kienx go katusa u ighid ukoll illi ma jafx il-cable ta’ xiex jew ta’ min kien. Jghid illi l-cable u l-pipe kienu jikkrossjaw lil xulxin madwar pied taht il-wicc tal-bankina. Jghid illi sa fejn jiftakar, il-cable la kien milqut u lanqas laqtuh huma.

In kontro-ezami ighid illi kienet il-Korporazzjoni konvenuta biss illi kienet qed taghmel xogholijiet fuq il-lant. Jikkonferma ukoll illi meta mar fuq il-post sabiex il-Korporazzjoni WSC taghmel ix-xogholijiet taghha, il-bankina nstabet mifqugha.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi mir-rapport DOK D esebit – ir-rapport tal-Pulizija, jirrizulta illi dan sar erba` t'ijiem wara l-allegat incident. Di piu`, min-noti fuq l-istess rapport jirrizulta illi min ghamel ir-rapport, Vincent Camilleri, stqarr mal-Pulizija, li x'aktarx kienet il-WSC li ghamlet il-hsara u li hu kellu suspett fil-WSC ghall-hsara misjuba. Jirrizulta ukoll illi l-Pulizija dak in-nhar tar-rapport kellmet lil Donald Cini, foreman tal-WSC – li mal-Pulizija stqarr illi fl-20 ta' Mejju 2004 l-WSC ghamlet xogholijiet fuq il-lant, izda cahad illi gew ikkawzati xi danni.

Minn nota ta' Vincent Camilleri – DOK KG 4 – jirrizulta ukoll illi l-GO Plc kienet saret taf bil-hsara sofferta fil-21 ta' Mejju u r-rapport ghamlitu fil-fatt tlett ijiem wara. Jghid ukoll illi "from our site investigations it seems that damages were caused by WSC" – b'dana kollu ma jispecifikax x'kienu dawn is-site investigations u kif dawn wassluh biex jikkonkludi li l-WSC ikkawzat id-dannu.

Il-Korporazzjoni attrici donnu fehmet illi din in-nota ta' Vincent Camilleri tal-31 ta' Mejju 2004 ma tistghax twassalha wisq – u ghalhekk, ppresentat nota ohra ta' l-istess Camilleri, maghmula xahrejn wara fejn ighid illi l-cable intlaqat mill-WSC meta kienu qed jesegwixxu xogholijiet u prova ta' dan hija bicca mill-cable li qeghda fl-ufficcju tieghu – DOK KG 5.

DOK KG 6 – ukoll prodott mis-socjeta` attrici, hija ittra tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar lis-socjeta` attrici. B'dana kollu, anke din l-ittra ma tpoggi ebda certezza u l-Kunsill qed ighid fiha biss illi "*jista` jkun li kien hemm xi servizz ta' emergenza ta' l-ilma f'liema kaz ma jkollniex l-indirizz preciz u lanqas kompjuterizzat*".

Issa huwa minnu illi s-socjeta` attrici f'kawza bhal jabbastha tipprova l-kaz taghha fuq livel ta' bilanc ta' probabilita`. Izda it-Tribunal ihoss, wara li sar l-apprezzament tal-provi kollha prodotti, illi dan s-socjeta` attrici ma rnexxiliex taghmlu.

Kellha qabel xejn, s-socjeta` attrici, tikkonvinci lil dan it-Tribunal anke fuq livell ta' probabilita`, illi l-Korporazzjoni konvenuta ghamel l-hsara allegata mis-socjeta` attrici. Dan ma rnexxiliex taghmlu.

Ppruvat li saret hsara, ppruvat illi l-WSC ghamlet xi xogholijiet fuq is-sit, izda huwa nieqes in-nexus bejn ix-xogholijiet maghmula mill-WSC u l-hsara sofferta mis-socjeta` attrici.

It-Tribunal ihoss illi ma kienx bizzejjed ghas-socjeta` attrici li tipprova illi l-WSC ghamlet xogholijiet fuq il-lant erba` t'ijiem qabel ir-rapport. Kellha tipprova fil-grad li trid il-ligi, illi l-WSC ghamlet ukoll l-hsara sofferta minnha.

Dan, kif gja jinghad hawn aktar il-fuq, ma ghamlitux. Il-provi mressqa mis-socjeta` attrici ma wasslux lit-Tribunal jikkonvinci ruhu, fuq livel ta' probabilita`, illi l-WSC ghamlet il-hsara lmentata. It-Tribunal jikkonkludi illi "jista` jkun" li hu hekk – izda ma jhossux komdu jikkonkludi li "probabbli" li huwa hekk, wisq anqas ic-certezza.

Jista` jkun ghax gie ppruvat illi l-WSC kienet ghamlet xi xogholijiet vicin il-cable. Izda ma jirrizultax probabbli (1) ghax hemm ic-cahda tal-haddiema tal-WSC li kienu fuq il-post, l-istess negazzjoni li saret mal-Pulizija meta dawn investigaw, (2) ghaliex il-Kunsill Lokali tal-lokalita` ma ta ebda informazzjoni konklussiva, (3) ghax ir-rapporti stess tas-socjeta` attrici (Vincent Camilleri) ma jistghux iwasslu ghall-konkluzjoni li probabbli kienet il-WSC u (4) ghax minkejja illi seta` kien il-kaz illi l-Korporazzjoni WSC ghamlet xogholijiet minghajr permess jew licenzja, dan ma ghandux b'daqsekk ifisser illi l-hsara giet ikkawzata mill-Korporazzjoni konvenuta.

In-numru kbir ta' gurisprudenza li tissemma fin-nota tas-sottomissjonijiet finali tas-socjeta` attrici, dettaljatament maghmula mill-abbli Avukat li ppatrocinha f'din il-kawza, ma jsegwux u ma jinkwadrawx fil-fatti speci li ghandu quddiemu it-Tribunal f'dan il-kaz. Biss ghal paragun – persuna li issuq bla licenzja ma hemmx dubbju illi qed tikser ir-regolamenti tat-triq u qed taghmel hazin, imma ghax ghaddiet vicin il-vettura tieghi u l-ghada sibt barxa mal-vettura tieghi – ghalhekk ma jfissirx illi dak is-sewwieq, zbaljat kemm kien li kien qed isuq minghajr licenzja, kien hu illi laqghat il-vettura tieghi. Sakemm ma jkollix provi bizzejjed u adegwati illi juru li kien hu illi laqgha til-vettura tieghi, rimedju fil-konfront tieghu ma ghandix, anke jekk ammess li saq vicin il-vettura tieghi minghajr licenzja.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tax-xhieda kollha prodotti, tal-provi kollha migjuba u d-dokumenti kollha esebiti, ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija, jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta, jichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjes li jigu sopportati mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------